MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1199/1999/2

**Joseph u Carmen konjugi Gaffarena**

**Vs**

**Mixer Limited u b'digriet tas-27 ta' Ottubru, 1999 gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2000 il-Qorti rrevokat 'contrario imperio' d-digriet fejn gie kjamat Emanuel Gaffarena**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi

Peress illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici lejn l-atturi fis-somma ta’ mitejn u hamsin elf lira maltija (Lm250,000) oltre l-imghax, liema somma hija dovuta bhala bilanc minn somma akbar skond skrittura privata datata 4 ta’ Gunju 1991 hawn anness u markat bhala Dokument A.

Peress illi l-atturi gja interpellaw lis-socjeta` konvenuta permezz ta’ tlett ittri ufficjali datati 7 ta’ Marzu 1995, 24 ta’ Marzu 1995 u 10 ta’ Settembru 1997 u ittra interpellatorja ohra datata 6 ta’ Mejju 1999 sabiex dina thallas l-ammonti dovuta pero` baqghet inadempjenti.

Peress illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta’ l-atturi, s-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas ta’ dan id-debitu.

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-istanti bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12;

2. Tikkundanna l-konvenut thallas lill-atturi is-somma ta’ mitejn u hamsin elf lira maltija (Lm250,000) liema somma hija dovuta bhala bilanc minn somma akbar skond skrittura datata 4 ta’ Gunju 1991.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ mandat ta’ sekwestru kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta** a fol. 14 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament u minghajr hsara ghall-ezami tal-ittri gudizzjarji imsemmija fic-citazzjoni kif ukoll tan-notifiki taghhom, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a termini tal-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghal-premess ic-citazzjoni attrici hija irrita u ghalhekk nulla u bla effett ghax ma thaddanx talba ghad-dikjarazzjoni mill-Qorti li l-ammont huwa dovut.

3. Illi di piu minghajr pregudizzju ghall-premess in meritu l-pretensjonijiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mill-kotba tal-kumpanija ma jirrizulta bl-ebda mod illi hija debitrici tal-atturi fl-ebda ammont kwalsiasi u certament ma jezisti ebda ammont cert, likwidu u dovut mis-socjeta` konvenuta favur l-attrici.

4. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghal-premess l-unika referenza ghal-self mill-atturi jew minn minnhom qua azzjonista li jirrizulta mill-kotba tal-kumpanija ilu mhallas fl-intier tieghu sa minn tmiem is-sena 1992, u dan kif jirrizulta mill-istess kotba tal-kumpanija.

5. Illi in oltre u ukoll minghajr pregudizzju ghal-premess mill-istess kotba tal-kumpanija jirrizulta bil-maqlub illi s-self azzjonarju kien jammonta sat-31 ta' Dicembru 1991 ghal-mija sitta u ghoxrin elf u hames mija hamsa u erbghin lira Maltin (Lm126,545) u mid-dikjarazzjoni tal-atturi stess jiddikjaraw illi gja thallsu sal-llum tlett mija u hamsin elf lira Maltin (Lm350,000), debituri allura l-atturi tal-kumpanija konvenuta fl-ammont li hallsithom in eccess ta' dak lilhom dovut fl-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin elf erba` mija hamsa u hamsin lira Maltin (Lm224,455).

6. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghall-premess tigi eccepita il-legalita`, veracita' u validita' tal-iskrittura mmarkata Dok A fic-citazzjoni odjerna u dan stante illi kemm a termini tas-suespost u kif jista jigi iktar ippruvat ma tirrizultax ibbazata fuq fatti u okkorenzi veri u reali.

7. Illi anke f'dan l-istess sens il-kjamat in kawza ta' Emmanuel Gaffarena ex-azzjonista u ex-direttur tas-socjeta` Mixer Limited hija fortement essenzjali u definittivament mehtiega.

8. Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta a fol 19 tal-process fejn eccepiet;

Peress illi kif gja premess fid-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta l-unika referenza ghal-self mill-atturi jew minn minnhom qua azzjonista li jirrizulta mill-kotba tal-kumpanija ilu mhallas fl-intier tieghu sa minn tmiem is-sena 1992, u dan kif jirrizulta mill-istess kotba tal-kumpanija.

Peress illi jirrizulta inoltre mill-istess kotba tal-kumpanija illi dan l-ammont ta' self azzjonarju kien jammonta sal-31 ta' Dicembru, 1991, f'massimu ta' mija sitta u ghoxrin elf u hames mija hamsa u erbghin lira Maltin (Lm126,545).

Peress illi mid-dikjarazzjoni ta' l-atturi stess illum qed jirrizulta li sa llum is-socjeta' Mixer Limited invece hallset l-ammont ta' tlett mija u hamsin elf lira Maltin (Lm350,000), lil l-atturi rikonvenuti u ghalhekk huma debituri taghha fl-ammont li hallsithom in eccess ta' dak lilhom dovut fl-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin elf erba' mija hamsa u hamsin lira Maltin (Lm224,455).

Jghid l-attur rikonvenut ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi huwa debitur tas-socjeta' Mixer Limited fl-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin elf erba' mija hamsa u hamsin lira Maltin (Lm224,455), liema somma hija dovuta bhala ammont in eccess minn dak illi fil-fatt kien minnha dovut.

2. Tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas lill-istess socjeta' Mixer Ltd dan l-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin elf erba' mija hamsa u hamsin lira (Lm224,455), u dan bl-imghaxijiet legali mid-data li l-istess attur

rikonvenut iddikjara illi kien ircieva l-ammont ta' tlett mija u hamsin elf lira (Lm350,000).

Bl-ispejjes u interessi legali kontra l-attur rikonvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' rikonvenjenti a fol. 20 tal-process.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-atturi rikonvenuti a fol 21 tal-process fejn eccepew;

Illi t-talba tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante illi hija nfondata kemm fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kreditu dovut lill-atturi rikonvenuti hija bazata fuq skrittura privata waqt li t-talba odjerna hija bbazata fuq kotba ta' kumpanija li ma jifformaw ebda rabta kuntrattwali bejn il-partijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-atturi rikonvenuti a fol 122 tal-process fejn eccepew;

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi t-talbiet rikonvenzjonali huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza taghha tas-26 ta' April 2000 a fol 69;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' April 2004 a fol 104;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu 2005 a fol 137 li bih din il-Qorti iddecidiet li l-validita' ta' l-iskrittura diga giet konfermata minn dina l-Qorti u mill-Qorti ta' l-Appell u

ghalhekk ma kienx hemm bzonn li tigi ezibita kopja tac-citazzjoni 1256/02JA;

Rat id-digriet tas-6 ta' Gunju 2005 a fol 240 li bih il-Qorti cahdet li jigi nominat perit komputist billi l-konvenuti kienu f'posizzjoni li jivverifikaw il-kotba ta' l-accounts;

Rat li t-talba ghal kjamat fil-kawza ta' Wally Gaffarena diga giet deciza negattivament minn dina l-Qorti u mill-Qorti ta' l-Appell;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

Rat in-nota tal-konvenuti;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ulterjuri ta' l-attur dwar il-preskrizzjoni tal-kontrotalba tal-konvenuti (ara verbal tat-12 ta' Ottubru 2005).

Din l-eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni kienet inghatat mill-attur wara li l-atti gew rinvjati mill-Qorti ta' l-Appell lill dina l-Qorti. Il-Qorti ta' l-Appell kienet irriformat is-sentenza ta' dina l-Qorti tas-26 ta' April 2000 li kienet laqghet it-talba attrici u cahdet il-kontrotalba tal-konvenuti. Il-Qort ta' l-Appell baghtet l-atti quddiem dina l-Qorti biex tikkonsidra l-kontrotalba tal-konvenuti.

Fl-eccezzjoni ulterjuri l-attur qed jeccepixxi li kontrotalba ghandha tigi michuda stante li hija preskritta a termini ta' l-artikolu 2156 tal-Kap 15 (ara fol 122). B'nota a fol 242 l-attur ipprecisa li l-preskrizzjoni sollevata minnu hija dika taht is-subinciz (f) ta' dan l-artikolu.

L-attur jirritjeni li t-terminu preskrittiv ta' hames snin ghal pretenzjoni tal-konvenuti kontenuta fil-kontrotalba, ghadda. L-attur isostni li xaghrejn wara l-iskrittura tal-4 ta' Gunju 1991 (ara fol 6), il-konvenuti kienu diga qed jippretendu li l-attur kellu jaghtihom, u ghalhekk messhom minn dak iz-zmien ressqu l-quddiem il-pretensjoni

taghhom permezz ta’ ittra ufficjali jew mandati. Izda minn dan kollu l-konvenuti m’ghamlu xejn ghalhekk it-terminu ta’ hames snin ghadda ghax il-kawza giet prezentata fil-1999 u kien biss fil-kontrotalba li l-konvenuti semmew l-ewwel darba dina l-pretenzjoni taghhom u dan fil-1999.

Minn naha l-ohra l-konvenuti qed jissottomettu li b’riferenza ghal bank statements ezibiti a fol 138 et seq hemm prova ta’ akkonti u rikonoxximent mill-attur tad-debitu tal-konvenuti.

Fin-nota taghhom il-konvenuti qed isostnu li nkwantu li si tratta ta’ hsara kagjunta lis-socjeta’ konvenuta permezz ta’ frodi mwettqa mill-attur, l-azzjoni civili tas-socjeta’ konvenuta jew hi preskrivibbli b’terminu ta’ ghaxar snin (ara artikoli kkwotati mill-konvenuti) jew mhi preskrivibbli qatt.

Il-Qorti ma taqbilx ma dan, billi l-argumentazzjoni tal-konvenuti hija bazata fuq premessa li diga giet michuda minn dina l-Qorti u mill-Qorti ta’ l-Appell. Infatti iz-zewg Qrati kienu cahdu l-eccezzjoni tal-konvenuti li kien hemm qerq jew falzita’ fl-iskrittura fuq riferita. Il-Qorti ta’ l-Appell kienet iddecidiet li l-kapitolu kien indirizza il-qalba tal-kwistjoni li biha l-atturi riedu mhux biss li jigi konfermat il-kreditu taghhom imsemmi fic-citazzjoni, izda ukoll tigi indirizzata l-kwistjoni l-ohra imsemmija fin-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li jolqtu l-validita’ ta’ l-iskrittura (ara fol 119).

Ghalhekk l-artikoli msemmija mill-konvenuti dwar il-preskrizzjoni ma japplikawx ghal kaz in ezami.

Il-konvenuti inoltre issottomettew li l-attur ma pprovax meta sar l-pagament ta’ Lm350,000 u ghalhekk minn meta beda jiddekorri t-terminu ta’ preskrizzjoni.

L-attur xehed, u dwar dana ma giex kontradett, li hu kien biegh sehemu fil-kumpanija Planka Ltd lill Wally Gaffarena u kienet saret l-iskrittura datata 4 ta’ Gunju 1991 ezibita a fol 6. Hu kellu jiehu Lm600,000 ghal self li kien ghamel lill kumpanija. Xi xaghrejn wara, hu thallas Lm350,000 minn

Planka Ltd u kien fadallu jiehu Lm250,000. Kien talab diversi drabi lill Wally Gaffarena biex ihallsu l-bilanc izda dana dejjem iwieghdu izda ma wasal qatt. Imbaghad fil-1995 Wally Gaffarena kien qallu li ser ibiegh sehemu lill Bastjan Dalli u hu ma oggezzjonax basta li jhallsu l-bilanc dovut. Fil-1995 hu kien interpella ufficjalment lill Gaffarena, lill Planka Ltd u lil Dalli u ghamel riferenza ghall iskrittura u talab il-hlas tal-bilanc dovut lilu izda baqa' ma thallasx u ghamel dina l-kawza.

Il-Qorti tirrileva li x-xhieda ta' l-attur bl-ebda mod ma giet kontraddetta mill-konvenuti. Ghalkemm il-konvenuti qed isostnu li l-Qorti m'ghandiex toqghod fuq dak li xehed l-attur, cjoe li hu thallas Lm350,000 mill-konvenuti xi xaghrejn wara l-iskrittura tan-1991, jirrizulta, mill-provi, u anke mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti (ara raba' u hames eccezzjoni a fol 14) li skond huma, mill-istess kotba tal-kumpanija, kien jirrizulta li s-self azzjonarju kien jammonta sal-31 ta' Dicembru 1991 ghal Lm126,545 u mid-dikjarazzjoni ta' l-attur stess hu thallas Lm350,000 u ghalhekk l-konvenuti jippretendu li huma hallsuh in eccess.

Fir-raba' eccezzjoni l-konvenuti jghidu li l-unika referenza ghal-self mill-atturi jew minn minnhom qua azzjonista li jirrizulta mill-kotba tal-kumpanija ilu mhallas fl-intier tieghu sa minn tmiem is-sena 1992, u dan kif jirrizulta mill-istess kotba tal-kumpanija.

Nonostante l-allegazzjoni li huma kellhom jiehdu sa minn 1991, l-konvenuti qatt ma hadu passi biex iressqu l-pretenzjoni taghhom kontra l-attur u jadixxu l-Qorti biex jigi kkundannat ihallashom, hlief meta l-attur pproceda kontra taghhom u huma pprezentaw kontrotalba. Il-kawza giet prezentata fil-1999 u ghalhekk minn 1991 it-terminu ta' hames snin kien ilu li ghadda.

Dwar l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-attur ghamel xi pagamenti akkont u ghalhekk it-terminu preskrittiv gie interrott, l-Qorti tirrileva li meta xehed Paul Gambina, dwar id-dokumenti li l-konvenuti talbu li jigu ezibiti, hu qal li fl-istatements ma hemmx min ikun dahhal il-flus u min ikun

harighom. Ghalhekk dwar dan il-punt, ma jirrizultax li hemm xi prova li saret l-interuzzjoni tal-perjodu preskrittiv.

Dwar l-ahhar sottomissjoni tal-konvenuti li kien hemm xi arrikkiment indebitu jew indebiti solutio, l-Qorti terga tirrileva, li l-kwistjoni ta’ qerq u invalidita ta’ l-iskrittura, diga giet deciza, ghalhekk il-premessa, li fuqha huma bazati l-argumenti ta’ dina s-sottomissjoni, taqa’.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri ta’ l-attur ghall kontrotalba tal-konvenuti;
u tiddikjara li t-talbiet fil-kontrotalba huma preskritti.
Spejjez ghall konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------